**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 15

L-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### TAXIS U Y-PLATES –ENFORCEMENT CHECKS

**209. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il spezzjoni jew enforcement checks saru fuq taxis u Y-plates matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bejn Frar u Mejju 2026 saru 22 spot check, fejn ġew spezzjonati 'l fuq minn 1,500 vettura tat-tip taxi u Y-plate.

Seduta Numru 15
22/07/2026

### TAXIS U Y-PLATES – PERMESSI SOSPIŻI, REVOKATI JEW TAĦT INVESTIGAZZJONI

**210. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il permess għal taxis u Y-plates ġie sospiż, revokat, jew taħt investigazzjoni matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-perjodu msemmi, l-Awtorità ħadet passi ta' sospensjoni, revoka jew kanċellazzjoni, jew wettqet investigazzjoni fuq 96 operatur tal-Y Plates.

Matul l-istess perjodu ma kien hemm l-ebda sospensjoni, revoka jew investigazzjoni fir-rigward ta' operaturi tat-taxis.

Seduta Numru 15
22/07/2026

### PERMESSI LIL IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU JEW MA' ENTITAJIET TAL-GVERN

**211. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni li ngħataw permessi għal taxis u Y-plates minkejja li kienu diġà impjegati full-time fis-servizz pubbliku jew ma' entitajiet tal-Gvern matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi ma jagħmlu ebda distinzjoni abbażi tal-istatus ta' impjieg tal-applikant, inkluż fil-konfront ta' impjegati fis-servizz pubbliku jew ma' entità tal-Gvern.

L-Awtorità tivverifika biss jekk humiex sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi għall-ħruġ tal-permess jew tal-liċenzja relattiva. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu jew restrizzjoni li tista' tirriżulta mill-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-persuna kkonċernata.

Seduta Numru 15
22/07/2026

### TAXIS U Y-PLATES – STUDJU

**212. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju dwar kemm is-suq Malti jista' jiflaħ aktar taxis u Y-plates mingħajr ma jkun hemm saturazzjoni fis-settur?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, abbażi ta' rapporti interni, data fattwali u analiżi operattiva mwettqa mill-Awtorità, jirriżulta li l-mistoqsija fis-suq għal dawn is-servizzi għadha għolja u qiegħda tikber b'rata aktar mgħaġġla mill-għadd ta' operaturi attivi.

Fil-fatt, meta jitqabbel il-perjodu bejn Frar u Mejju 2025 mal-istess perjodu fl-2026, l-għadd ta' operaturi attivi żdied minn 2,049 għal 2,419, jiġifieri żieda ta' 18.1%. Min-naħa l-oħra, l-għadd ta' vjaġġi żdied minn 3,008,367 għal 5,061,576, jiġifieri żieda ta' aktar minn żewġ miljun vjaġġ, jew 68.2%.

Bħala medja, l-għadd ta' vjaġġi għal kull operatur żdied minn madwar 1,469 bejn Frar u Mejju 2025 għal madwar 2,093 fl-istess perjodu tal-2026. Dan ifisser żieda medja ta' madwar 624 vjaġġ, jew 42.5%, għal kull operatur.

Dawn iċ-ċifri jindikaw li, minkejja ż-żieda fl-għadd ta' operaturi, il-mistoqsija kibret b'rata ferm ogħla. Dan juri wkoll li l-politika tal-Gvern favur mezzi alternattivi ta' mobbiltà qiegħda tħalli l-frott, hekk kif aktar residenti u turisti qegħdin jagħmlu użu minn dawn is-servizzi.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**TAXIS U Y-PLATES – POLICY DWAR IL-ĦRUĠ TA' PERMESSI ĠODDA**

**213. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-policy attwali dwar il-ħruġ ta' permessi ġodda għal taxis u Y-plates?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-politika attwali dwar il-ħruġ ta' permessi ġodda għal taxis u vetturi b'Y-plates hija dik stabbilita fil-qafas leġiżlattiv applikabbli.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**TAXIS U Y-PLATES – PERMESSI ĠODDA**

**214. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm permessi għal taxis u Y-plates ġodda ġew approvati wara l-elezzjoni ġenerali ta' Mejju 2026?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – KAŻIJIET ASSENJATI LILL-MAĠISTRATI**

**586. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' vjolenza domestika assenjati għal kull maġistrat bħalissa?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm tlett maġistrati li bejniethom hemm assenjati total ta' 1,509 sommarji u 247 kumpilazzjonijiet.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – KAŻIJIET**

**587. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' vjolenza domestika li ser jinstemgħu għall-ewwel darba fl-2027?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – KAŻIJIET**

**588. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' vjolenza domestika li ser jinstemgħu għall-ewwel darba bejn Jannar u Ġunju 2027 jew iktar tard, maqsuma xahar b'xahar?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**FSWS - STOP! THE VIOLENCE & ABUSE SERVICE**

**589. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' vjolenza domestika fejn l-aggressur ġie ordnat jagħmel il-programm 'STOP! the Violence & Abuse Service' mmexxi mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – SISTEMA TA' ALARM**

**590. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm survivors ta' vjolenza domestika li qed jibbenefikaw mis-sistema teknoloġika ta' alarm bħalissa?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – AGGRESSURI ORDNATI BIEX JOĦORĠU MIR-RESIDENZA**

**591. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet fl-2026 fejn l-aggressur ġie ordnat joħroġ mir-residenza fejn kien hemm ukoll is-survivor? Jista' jgħid ukoll kemm ġew evalwati każijiet ta' vjolenza domestika f'kull DV Hub bejn l-2024 u l-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-preżenti l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx statistika daqshekk dettaljata u għaldaqstant mhux f'pożizzjoni li tipprovdi dak rikjest.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**BENEFIĊĊJI SOĊJALI – APPLIKAZZJONIJIET MIĊĦUDA**

**659. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għall-benefiċċji soċjali ġiet miċħuda fl-aħħar sena u għaliex?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu hija kif tidher fit-tabella t'hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Applikazzjonijiet għall-Assistenza Soċjali tul l-aħħar sena | 1,413 |
| Applikazzjonijiet Aċċettati | 1,039 |
| Applikazzjonijiet Miċħuda | 322 |

Tajjeb jingħad illi fost ċaħdiet varji nsibu dawk illi jkunu jirċievu l-Għajnuna Soċjali u jibdew jaħdmu u mmedjatament dawn il-persuni jibdew jirċievu t-Tapering tal-Benefiċċji u b'hekk jissaħilhom il-potenzjal finanzjarju għalihom u għal familji tagħhom. Ċaħdiet oħra jirrelataw ma' eċċess tat-threshold tat-test tal-kapital, meta jinstab illi persuna ma tkunx il-*head of household* jew inkella meta l-bord mediku ma jkunx sodisfatt illi l-persuna tbati minn xi kundizzjoni.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**FAQAR FOST IL-PENSJONANTI**

**660. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jittieħdu biex jitnaqqas il-faqar fost il-pensjonanti?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant lit-tnaqqis tal-faqar fost il-pensjonanti qed jiġi indirizzat kontinwament b'mod strateġiku permezz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pensjonijiet 2021-2027 u issa bir-Rapport Strateġiku tal-Pensjonijiet tal-2025 (kif sar b'dawk preċedenti), imħejji mill-Grupp Strateġiku tal-Pensjonijiet bħala parti mir-reviżjoni legali li ssir kull ħames snin dwar l-adegwatezza, is-sostenibbiltà u s-solidarjetà tas-sistema.

Fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja hemm ukoll id-Direttorat għall-Istrateġija tal-Pensjonijiet, li jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u janalizza kontinwament l-adegwatezza tal-pensjonijiet. Dan ix-xogħol strateġiku li jsir b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali qed jagħti l-frott: l-adegwatezza tal-pensjonijiet tjiebet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u wara l-konsultazzjoni pubblika, il-Gvern ikkonferma li mhux se jgħolli l-età tal-irtirar u lanqas ir-rati tal-kontribuzzjonijiet, filwaqt li se jkompli jsaħħaħ il-pensjonijiet matul din il-leġiżlatura.

Din l-istrateġija qed tissarraf f'miżuri konkreti sena wara l-oħra bħaż-żidiet ġenerali fil-pensjonijiet minbarra l-COLA sħiħa, u diversi miżuri oħra ta' sostenn li ddaħħlu fl-aħħar snin, inkluż għar-romol, pensjonanti tal-invalidità u dawk tal-età non-kontributorja. Għal dawk bl-inqas dħul, issaħħew kemm l-allowance supplimentari kif ukoll is-suppliment annwali għall-persuni anzjani. Fl-istess waqt qed jitneħħew l-anomaliji storiċi, bil-Bonus tal-Għoli tal-Ħajja jsir rata waħda għall-pensjonanti kollha, b'aġġustamenti għall-pensjonanti mwielda qabel l-1962 biex jonqos id-distakk li rriżulta mir-riforma tal-2006, u bl-ugwaljanza tad-Dħul Pensjonabbli Massimu għall-pensjonanti kollha.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PROGRAMMI KONTRA L-ESKLUŻJONI SOĊJALI – FONDI**

**661. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu fondi fuq programmi kontra l-esklużjoni soċjali?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema programmi ta' esklużjoni soċjali qed jirreferi.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**GOZO CHANNEL – KMAMAR OKKUPATI**

**678. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kmamar okkupati mill-Gozo Channel mingħajr użu partikolari humiex ser jgħaddu għand l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) sabiex ikunu jistgħu jiġu integrati fiċ-Ċirkewwa Marine Park u jintużaw bħala kmamar tal-ewwel għajnuna?

01/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 23896 tal-Leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**GOZO CHANNEL – KMAMAR OKKUPATI**

**679. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kmamar okkupati mill-Gozo Channel mingħajr użu partikolari humiex ser jgħaddu għand l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) sabiex ikunu jistgħu jiġu integrati fiċ-Ċirkewwa Marine Park u jintużaw bħala kmamar tal-ewwel għajnuna?

01/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kmamar in kwistjoni qegħdin jintużaw mill-Kumpanija Gozo Channel, liema użu huwa relatat mal-aspett loġistiku u operattiv.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**ĊIRKEWWA MARINE PARK – KIRI TA’ MOBILE CLINIC U MOBILE OFFICE – SPIŻA**

**680. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jindika kemm qed jiswa l-kiri ta' servizz ta' mobile clinic u ta' mobile office għall-Park taċ-Ċirkewwa lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) jew indirettament lill-management taċ-Ċirkewwa Marine Park kull sena billi jagħti rendikont tal-ispejjeż assoċjati / ivvutati għal dawn?

01/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ila taħdem fuq dan il-proġett siewi għas-settur tad-diving għal bosta snin.
Matul is-sena 2025, l-ispejjeż kien jinkludu: xiri ta’ mobile clinic, servizz ta’ first aiders, xogħlijiet ta’ titjib fl-infrastruttura u salarji.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**730. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 726.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**731. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 709.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**732. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tagħha?

01/07/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 726.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**733. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 726.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**734. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 726.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**735. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tagħha?

01/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 726.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**IN-NADUR– TORRI TA' KENUNA**

**825. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu fl-aħħar sena u nofs biex it-Torri ta' Kenuna fin-Nadur, Għawdex, ma jitkompliex jiġġarraf?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel referenza għat-tweġiba li tajt fil-mistoqsija parlamentari 1065.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**IN-NADUR– TORRI TA’ KENUNA – STUDJI**

**826. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid jekk sarux xi studji fuq it-Torri ta’ Kenuna u jekk iva, jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel referenza għat-tweġiba li tajt fil-mistoqsija parlamentari 1065.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**IN-NADUR– TORRI TA’ KENUNA – PREVENZJONI TA’ TIĠRIF**

**827. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid x’passi ser jittieħdu u meta ser jittieħdu, biex it-Torri ta’ Kenuna jiġi salvat qabel ma jkun tard wisq u jiġġarraf?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel referenza għat-tweġiba li tajt fil-mistoqsija parlamentari 1065.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**GĦAWDEX – BINI TA’ QORTI ĠDIDA**

**933. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi t-target date tal-Gvern għat-tlestija u t-tħaddim tal-Qorti l-ġdid f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-istadju li jinsab fih il-proġett issa u x'passi għad iridu jitlestew qabel jibda jintuża l-bini l-ġdid?

03/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MARSASKALA – BAJJA TA’ SAN TUMAS – ĦLAS MILL-GVERN**

**937. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ħallas il-Gvern biex irranġa l-parkeġġ fil-Bajja ta’ San Tumas ġewwa Marsaskala?

06/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MARSASKALA – BAJJA TA’ SAN TUMAS – PARKEĠĠ – FTEHIM/KONĊESSJONI**

**938. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista’ l-Ministru jgħid jekk jeżistix xi ftehim jew konċessjoni bejn il-Gvern u s-sid privat tal-parkeġġ fil-Bajja ta’ San Tumas ġewwa Marsaskala? Jekk iva, jista’ jqiegħed kopja tal-ftehim fuq il-Mejda tal-Kamra?

06/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MARSASKALA – BAJJA TA' SAN TUMAS – PARKEĠĠ – FTEHIM/KONĊESSJONI**

**939. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk jeżistix xi ftehim jew konċessjoni bejn il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala u s-sid privat tal-parkeġġ fil-Bajja ta' San Tumas ġewwa Marsaskala? Jekk iva, tista' tqiegħed kopja tal-ftehim fuq il-Mejda tal-Kamra?

06/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li t-tweġiba hi fin-negattiv.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MARSASKALA – BAJJA TA' SAN TUMAS – PARKEĠĠ – ĦLAS**

**940. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex intenzjonat li l-parkeġġ fil-Bajja ta' San Tumas ġewwa Marsaskala jibqa' mingħajr ħlas għall-pubbliku jew jekk hemmx pjan biex ikun bi ħlas?

06/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħal ma diġà għidt diversi drabi, dan il-parkeġġ għandu jkun bla ħlas.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MARSASKALA – BAJJA TA' SAN TUMAS – PARKEĠĠ – ĦLAS**

**941. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk huwiex intenzjonat li l-parkeġġ fil-Bajja ta' San Tumas ġewwa Marsaskala jibqa' mingħajr ħlas għall-pubbliku jew jekk hemmx pjan biex ikun bi ħlas?

06/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – TREJQET TAL-FATA – PJANIJIET**

**942. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex tiġi rranġata l-area fi Trejqet tal-Fata ġewwa Ħaż-Żabbar?

06/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta tikkonferma li Trejqet tal-Fata hija nkluża fl-applikazzjoni għall-permess mill-PA, biex tinbena t-triq mill-ġdid bejn Bieb is-Sultan u ż-żona tal-Kapuċċini ġewwa Ħaż-Żabbar. Din l-applikazzjoni bħalissa tinsab fil-proċess għar-rakkomandazzjoni u deċiżjoni mill-PA. L-irwol ta' l-Aġenzija huwa dak relatat mal-implimentazzjoni tax-xogħol meħtieġ.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**GĦAWDEX – BINI TA' QORTI ĠDIDA**

**952. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi t-target date tal-Gvern għat-tlestija u t-tħaddim tal-Qorti l-ġdid f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-istadju li jinsab fih il-proġett issa u x'passi għad iridu jitlestew qabel jibda jintuża l-bini l-ġdid?

06/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**IŻ-ŻEBBUĠ, GĦAWDEX – TRIQ GĦAJN MHELHEL – PREKAWZJONIJIET**

**953. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid xi prekawzjonijiet ittieħdu sabiex il-parti tat-triq li ċediet fi Triq Għajn Mhelhel fiż-Żebbuġ, Għawdex ma tkunx ta' periklu għal kull min jgħaddi minnha?

06/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru ħa kull prekawzjoni li kien hemm bżonn - skont il-pariri tekniċi - biex it-triq ma tkunx ta' periklu għal kull min jgħaddi minnha.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SERVIZZ TAL-HOME HELP**

**1090. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm hemm benefiċjarji tas-servizz tal-Home Help, maqsuma lokalità b'lokalità?

08/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-ammont ta' benefiċjarji tas-servizz Home Help, maqsuma lokalità b'lokalità.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SERVIZZ TAL-MEALS ON WHEELS**

**1091. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm hemm benefiċjarji tas-servizz tal-Meals on Wheels, maqsuma lokalità b'lokalità?

08/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-ammont ta' benefiċjarji tas-servizz Meals on Wheels, maqsuma lokalità b'lokalità.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SERVIZZ TAT-TELECARE**

**1092. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm hemm benefiċjarji tas-servizz tat-Telecare, maqsuma lokalità b'lokalità?

08/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-ammont ta' benefiċjarji tas-servizz tat-Telecare, maqsuma lokalità b'lokalità.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SERVIZZ TAL-CARER AT HOME SCHEME**

**1093. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm hemm benefiċjarji tas-servizz tal-Carer at Home Scheme, maqsuma lokalità b'lokalità?

08/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-ammont ta' benefiċjarji tas-Servizz Carer at Home, maqsuma lokalità b'lokalità.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**TELEPHONE RENT REBATE**

**1094. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm hemm benefiċjarji anzjani li jieħdu t-Telephone Rent Rebate, maqsuma lokalità b'lokalità?

08/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-ammont ta' benefiċjarji anzjani li jieħdu t-Telephone Rent Rebate, maqsuma lokalità b'lokalità.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**ART AGRIKOLA ABBANDUNATA**

**1265. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn art potenzjalment agrikola li però tinsab abbandunata? Jista' jgħid ukoll x'qed jagħmel il-Gvern biex jinċentiva li din l-art tibda tinħadem?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li r-Riżorsi Agrikoli Malta (RAM) nediet *Skema ta' Inċentiv Finanzjarji għat-Trasferiment Temporanju ta' Art Agrikola*, li permezz tagħha sidien ta' art agrikola jew dawk illi għandhom qbiela ta' art agrikola mingħand l-Awtorità tal-artijiet li mhix tintuża jew użata minimament, ġew imħeġġa jgħaddu tali art lill-Aġenzija RAM għal perjodu temporanju ta' tlett snin. Sussegwentement, din l-art qiegħda tiġi eżaminata u ser tkun qed tiġi allokata lill-bdiewa żgħażagħ u lill-bdiewa kklassifikati taħt il-Kategoriji 3, 4 u 5 għall-produzzjoni tal-ikel. L-għan tal-iskema huwa li tnaqqas l-abbandun tal-art, iżżid l-użu produttiv tal-art agrikola u tiffaċilita aċċess akbar għall-art minn bdiewa attivi.

Barra minn hekk, konġuntament, RAM nediet *Skema ta' Kiri Temporanju ta' Art Agrikola*, li permezz tagħha art agrikola ġestita mill-Aġenzija tista' tiġi allokata lill-bdiewa żgħażagħ u lill-bdiewa kklassifikati taħt il-Kategoriji 3, 4 u 5 għall-kultivazzjoni u għall-produzzjoni tal-ikel. Din l-iskema tappoġġja l-użu attiv tal-art agrikola disponibbli, issaħħaħ il-produttività agrikola u tikkontribwixxi għal żieda fil-produzzjoni tal-ikel.

RAM ser tkun qed tniedi skemi oħra fejn tidħol art agrikola li mhix tintuża u li hija tal-Gvern sabiex din tkun tista' titqassam ukoll lil dawk il-bdiewa żgħażagħ u lil dawk li jixtiequ jidħlu sabiex din l-art tiġi allokata lilhom għall-produttività u produzzjoni tal-ikel.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**BDIEWA – PREZZIJIET TAL-PRODOTTI – SEHEM**

**1266. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jieħu l-Gvern biex jiżgura li l-bdiewa jirċievu sehem ġust mill-prezzijiet tal-prodotti tagħhom?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li permezz tal-Malta Food Agency, dan il-Gvern qiegħed jieħu diversi inizjattivi bil-għan li jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fis-suq u joħloq kundizzjonijiet li jgħinuhom jiksbu sehem aktar ġust mill-valur finali tal-prodotti tagħhom.

Fost dawn l-inizjattivi hemm it-tisħiħ kontinwu tal-ġestjoni u tal-operat tal-Pitkalija, bil-għan li tiżdied l-effiċjenza, it-trasparenza u t-traċċabbiltà fil-proċess tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Dan għandu jgħin sabiex il-proċess tal-bejgħ ikun aktar ċar u effiċjenti għall-produtturi u għall-operaturi kollha involuti.

L-Aġenzija qiegħda wkoll taħdem fuq inizjattivi ta' marketing u żvilupp tan-negozju sabiex tippromwovi l-prodott lokali, issaħħaħ l-għarfien tal-konsumaturi dwar il-valur u l-kwalità tiegħu, u toħloq opportunitajiet ġodda ta' bejgħ għall-produtturi Maltin u Għawdxin.

Barra minn hekk, permezz ta' opportunitajiet ta' bejgħ dirett, il-bdiewa jistgħu jilħqu lill-konsumaturi u lill-operaturi kummerċjali b'mod aktar dirett. Dan jista' jnaqqas id-dipendenza fuq l-intermedjarji u jagħti lill-produtturi opportunità li jżommu sehem akbar mill-valur tal-bejgħ tal-prodotti tagħhom.

Qed tingħata wkoll assistenza u gwida lill-bdiewa sabiex itejbu l-klassifikazzjoni, il-gradazzjoni, il-preżentazzjoni u l-istandards tal-prodotti tagħhom. Dan jgħin sabiex il-prodott lokali jkun aktar kompetittivi, ikun f'pożizzjoni li jikseb valur aħjar fis-suq u jilħaq b'mod aktar effettiv l-aspettattivi tal-konsumaturi u tax-xerrejja kummerċjali.

Permezz ta' dawn il-miżuri, il-Gvern ser ikompli jaħdem sabiex isaħħaħ il-pożizzjoni tal-produttur lokali fil-katina tal-provvista u jtejjeb l-opportunitajiet tiegħu li jikseb redditu aktar ġust għall-prodotti tiegħu.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PRODOTT AGRIKOLU LOKALI – 'UNFAIR TRADING PRACTICES' – PROĊESS TA' REVIŻJONI**

**1267. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern bediex il-proċess biex jirrevedi 'unfair trading practices' li qed jaffettwaw il-prodott agrikolu lokali? Jekk iva, jista' jgħid fiex wasal u meta se jkun iffinalizzat il-proċess ta' reviżjoni?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Unjoni Ewropea qed tkompli ssaħħaħ il-qafas legali kontra l-prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista agroalimentari. Għalkemm id-Direttiva (UE) 2019/633 għadha ma ġietx emendata formalment, ġew introdotti miżuri ġodda biex jissaħħaħ il-koordinament bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-infurzar transkonfinali, filwaqt li evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet li, minkejja r-riżultati pożittivi tagħha, għad hemm sfidi relatati man-nuqqas ta’ għarfien tad-drittijiet mill-operaturi, il-biża’ ta’ ritaljazzjoni, u differenzi fl-infurzar bejn l-Istati Membri.

Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea qed tħejji reviżjoni tad-Direttiva sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tal-bdiewa u operaturi fi ħdan il-katina tal-ikel, testendi l-lista ta’ prattiki pprojbiti, ittejjeb il-protezzjoni tal-ilmentaturi u ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi fil-katina tal-provvista alimentari.

F'dan il-kuntest, rappreżentant tal-Bord dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti żamm ruħu aġġornat b'dawn l-iżviluppi fil-livell tal-Unjoni Ewropea u informa lill-Bord stabbilit dwar il-bidliet proposti. Madankollu, dawn l-iżviluppi ma kellhomx impatt fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ, prinċipalment minħabba n-numru negliġibbli ta' talbiet jew każijiet ta' natura transkonfinali rrappurtati f'dan il-qasam.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**BIEDJA ORGANIKA – PERSENTAĠĠ TA’ ART**

**1268. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista’ l-Ministru jgħid kemm huwa l-persentaġġ ta’ art (kif ukoll f’termini reali) li jitqies bħala biedja organika?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, skont l-aħħar data disponibbli, l-art ċertifikata bħala biedja organika tammonta għal 66.1623 ettaru, filwaqt li 2.1425 ettaru oħra jinsabu fil-perjodu ta’ konverżjoni għall-biedja organika.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**DIPENDENZA FUQ PRODOTTI AGRIKOLI IMPORTATI – TNAQQIS – PASSI KONKRETI**

**1269. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista’ l-Ministru jgħid x’passi konkreti qed jieħu l-Gvern biex jiżgura li Malta tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq prodotti agrikoli importati?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-15 ta’ Lulju għalqet il-konsultazzjoni pubblika fuq il-White Paper dwar il-Politika Agrikola Nazzjonali. Il-politika proposta tinkludi diversi miżuri li, kemm direttament kif ukoll indirettament, jappoġġjaw il-produzzjoni lokali u jsaħħu r-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-bdiewa lokali, filwaqt li jippromwovu produzzjoni ta’ kwalità.

Insemmi wkoll l-Istrateġija Nazzjonali għal Sistemi tal-Ikel Reżiljenti 2025-2034 li hija intiża biex issaħħaħ il-produzzjoni lokali u tnaqqas il-vulnerabbiltà li tirriżulta mid-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-ikel.

Fost dawn il-miżuri hemm il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura agrikola u tas-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa, it-tisħiħ bejgħ dirett bejn il-produtturi u l-konsumaturi, kif ukoll inizjattivi biex jiżdied id-dħul tal-bdiewa u tissaħħaħ il-vijabilità ekonomika tal-produzzjoni lokali.

L-Istrateġija tipprevedi wkoll appoġġ akbar lill-bdiewa fuq skala żgħira, miżuri biex jiġu attirati ġenerazzjonijiet ġodda lejn is-settur agrikolu, u interventi biex jiġi żgurat użu aħjar tal-art agrikola permezz ta’ riformi u inċentivi mmirati.

Barra minn hekk, hemm ukoll l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-użu ta' teknoloġiji moderni u sostenibbli fl-agrikoltura, filwaqt li qed isaħħaħ ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-ikel u jinkoraġġixxi prattiki aktar sostenibbli fil-produzzjoni tal-ikel.

Inkompli nżid ngħid li l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) qed tikkontribwixxi wkoll b'mod konkret biex tissaħħaħ il-produzzjoni agrikola lokali u titnaqqas id-dipendenza fuq prodotti importati permezz tal-implimentazzjoni ta' diversi interventi taħt il-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK).

Dawn jinkludu l-pagamenti diretti lill-bdiewa, fosthom il-Complementary Income Support (CIS) u l-Eko-Skema Benefiċċju għall-Biedja Diversifikata u Sostenibbli (BDW), li jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex tinżamm il-produzzjoni agrikola u tiġi msaħħa l-vijabilità tal-irziezet.

Barra minn hekk, ARPA flimkien mal-Awtorità ta' Ġestjoni għall-Fondi Ewropej tamministra skemi ta' investiment produttiv li jassistu lill-bdiewa u lill-produtturi biex jimmodernizzaw l-operat tagħhom, itejbu l-effiċjenza, iżidu r-reżiljenza tas-settur u jsaħħu l-kapaċità produttiva lokali.

Fost dawn l-iskemi hemm importanza għal bdiewa żgħażagħ li qed jippromwovi wkoll it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu permezz ta' miżuri mmirati f'pagamenti diretti kif ukoll investimenti lejn bdiewa żgħażagħ sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola fil-futur.

Fl-istess ħin, l-intervent settorjali fil-qasam tal-apikultura qed jappoġġja s-sostenibbiltà u l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-għasel lokali, filwaqt li l-Iskema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjali tkompli tgħin lis-settur tal-majjali biex iżomm livelli għoljin ta' produzzjoni u jsaħħaħ il-kompetittività tiegħu.

Dawn il-miżuri kollha flimkien jikkontribwixxu biex tissaħħaħ is-sigurtà alimentari tal-pajjiż, inżidu l-kapaċità tal-pajjiż li jipproduċi aktar ikel u titnaqqas id-dipendenza fuq importazzjonijiet agrikoli.

Seduta Numru 15
22/07/2026

## ART AGRIKOLA ABBANDUNATA

**1270. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn art potenzjalment agrikola li però tinsab abbandunata? Jista' jgħid ukoll x'qed jagħmel il-Gvern biex jinċentiva li din l-art tibda tinħadem?

13/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kundizzjonijiet tal-kiri ta' art agrikola (qbiela) jesiġu dejjem li din l-art tinħadem għal skopijiet agrikoli. Fir-rigward ta' azzjoni li tittieħed, nirreferi lill-Onor. Interpellant għal-liġi speċjali li l-Gvern ħabbar iktar kmieni f'din l-aħħar sena fejn dawk kollha li għandhom fil-pussess tagħhom raba, kemm franka kif ukoll tal-Gvern, ġew obbligati li jirreġistraw din ir-raba u jagħtu rendikont tal-ħidma tagħhom fuq din ir-raba.

Seduta Numru 15
22/07/2026

## KNEJJES U KAPPELLI – XOGĦOL TA' RESTAWR

**1466. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid liema kunsilli lokali qegħdin iwettqu xogħol ta' restawr fuq knejjes u kappelli? Tista' tgħid ukoll, fuq liema knejjes u kappelli qed isir dan ir-restawr, għal kull kunsill u f'kull każ tgħid kif ser ikun iffinanzjat dan ir-restawr?

14/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – PARKEĠĠI RISERVATI – SENA 2025**

**1467. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità ġew allokati fis-sena 2025, maqsuma xahar b'xahar? Jista' wkoll jaqsam din l-informazzjoni skont jekk dawn kinux parkeġġi personalizzati jew parkeġġi komunali?

14/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-sena 2025, ġew allokati 591-l parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità. Dawn il-permessi ħarġu wara li l-applikanti kollha għaddew minn proċess ta' skrutinju minn bord mediku maħtur mill-Aġenzija Sapport.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ – PARKEĠĠI RISERVATI – SENA 2026**

**1468. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità ġew allokati fis-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' wkoll jaqsam din l-informazzjoni skont jekk dawn kinux parkeġġi personalizzati jew parkeġġi komunali?

14/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1240.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**GŻEJJER TA' SAN PAWL – STATWA TA' SAN PAWL – FLOODLIGHT**

**1469. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 557 dwar il-'floodlights' tal-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, tista' l-Ministru tgħid meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol meħtieġ u l-istatwa terġa' tixgħel?

14/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata li t-tiswijiet saru u l-istatwa qed tiġi mdawla kull filgħaxija bis-sistema tal-panelli.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**TZRA – XOGĦLIJIET – SENA 2025**

**1470. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħol twettaq mill-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi (TZRA) matul is-sena 2025?

14/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**TZRA – XOGĦLIJIET – SENA 2026**

**1471. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema xogħol twettaq mill-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi (TZRA) matul is-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll liema xogħol hu ppjanat li jsir matul ix-xhur li baqa' f'din is-sena?

14/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**IL-MOSTA - DAR TAL-ANZJANI - XOGĦOL TA' RINNOVAZZJONI**

**1499. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 887 u jgħid fiex wasal ix-xogħol ta' rinnovazzjoni fid-Dar tal-Anzjani fil-Mosta? Jista' jgħid ukoll kemm ser jiġi jiswa b'kollox dan ix-xogħol?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol ta' rinnovazzjoni fid-Dar tal-Anzjani fil-Mosta jinsab fl-ewwel fażi tiegħu. In-nefqa tal-ispejjeż tkun tista' tingħata meta jitlesta x-xogħol ta' rinnovazzjoni.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**KAROZZI SECOND HAND U KAROZZI ĠODDA IMPURTATI – SNIN 2000 SA 2012**

**1510. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impurtati u reġistrati karozzi second hand mis-sena 2000 sas-sena 2012, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm ġew impurtati karozzi ġodda fl-istess perjodu u ċjoè; mis-sena 2000 sas-sena 2012, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**NISA LI KELLHOM L-EWWEL TARBIJA**

**1516. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' nisa li kellhom l-ewwel tarbija tagħhom fil-kategoriji ta' taħt l-20 sena, 20–24 sena, 25–29 sena, 30–34 sena, 35–39 sena, 40–44 sena u 45 sena jew aktar, mis-sena 2020 sal-aħħar ħin li għaliha hija disponibbli d-data, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**NPICU – TRABI MWIELDA**

**1517. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm mit-trabi mwielda minn ommijiet fil-kategoriji tal-età ta' taħt l-20 sena, 20–24 sena, 25–29 sena, 30–34 sena, 35–39 sena, 40–44 sena u 45 sena jew aktar kienu jeħtieġu kura fin-Neonatal Paediatric Intensive Care Unit (NPICU), mis-sena 2018 sal-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:
*Neonates* reported as being transferred to NPICU immediately or very soon after delivery by maternal age group 2018-2025

| | <20 | 20-24 | 25-29 | 30-34 | 35-39 | 40-44 | 45+ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2018 | 4 | 18 | 49 | 76 | 38 | 8 | 0 | 193 |
| 2019 | 22 | 26 | 66 | 83 | 40 | 6 | 1 | 244 |
| 2020 | 8 | 26 | 63 | 64 | 33 | 6 | 0 | 200 |
| 2021 | 6 | 18 | 43 | 59 | 41 | 6 | 0 | 173 |
| 2022 | 8 | 12 | 50 | 74 | 38 | 15 | 4 | 201 |
| 2023 | 10 | 22 | 58 | 113 | 50 | 8 | 2 | 263 |
| 2024 | 8 | 32 | 58 | 116 | 47 | 9 | 6 | 276 |
| 2025 | 11 | 19 | 65 | 107 | 59 | 13 | 5 | 279 |

Source: National Obstetrics Information System (NOIS) DHIR

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PROĠETT TAL-PJAZZA TA' BUĠIBBA**

**1607. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 677 dwar il-proġett tal-pjazza ta' Buġibba, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jagħti l-ispiża separata ta' kull parti tal-proġett li semma fl-istess tweġiba?

15/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 677.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**TOROQ – GĦOTI TA' ASFALT WARA X-XOGĦLIJIET**

**1608. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35754 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, fejn intqal li "Wara li jsiru xogħlijiet ta' trinek mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jew minn Enemalta, dawn jerġgħu jinksew bit-tarmak skont il-kundizzjonijiet maħruġin minn Transport Malta.", jista' l-Ministru jgħid jekk dawn il-kundizzjonijiet jistipulawx perjodu ta' żmien sakemm l-asfalt irid jerġa' jsir wara tali xogħlijiet, peress li huwa nnutat li wara li t-trinek jiġu miksija bil-konkos, ħafna drabi jitħallew f'dan l-istat għal ġimgħat jew saħansitra xhur?

15/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, fil-każ ta' permessi ordinarji, l-asfaltar mill-ġdid huwa inkluż bħala parti mix-xogħlijiet li għandhom jitlestew fil-perjodu ta' validità tal-permess. Fil-każ ta' permessi ta' emerġenza, il-prijorità immedjata tkun it-tiswija tal-ħsara fl-infrastruttura. Madankollu, it-trinka tibqa' titqies bħala każ mhux magħluq sakemm jitlesta l-asfaltar mill-ġdid, u Transport Malta tibqa' ssegwi l-każ sal-konklużjoni tiegħu.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PARK AND RIDE – ROTOT 401-406**

**1609. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inġarru passiġġieri fuq Rotot 401-406 (Park and Ride) minn Settembru 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

15/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' passiġġieri li nġarru fuq ir-Rotta 406, mill-introduzzjoni tagħha fil- 5 ta' Mejju li għadda sal-aħħar ta' Ġunju kien ta' 7,677. Fir-rigward tar-rotta 401, minn Settembru tas-sena 2025 sal-aħħar ta' Ġunju rat 57,357 l-passiġġier.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**OMBUDSMAN – OPINJONI FINALI DWAR PENSJONI TAS-SERVIZZ TA' GRUPP TA' GĦALLIEMA**

**1610. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni beħsiebu jieħu l-Gvern rigward l-opinjoni finali tal-Ombudsman dwar il-każ li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, li jittratta diskriminazzjoni ma' grupp ta' għalliema fil-pensjoni tas-servizz, u li ngħataw raġun mill-Ombudsman, liema rapport tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Onor. David Agius fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2023 (P.L. 02597)?

15/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**BCA – LIĠI SUSSIDJARJA 623.08 – KONTRAVENZJONIJIET**

**1611. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1001 u ċjoè; B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 574, jista' l-Ministru jgħid il-kontravenzjonijiet imsemmija għal kemm jammontaw bħala flus, maqsuma separatament? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-flus tħallsu?

15/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li b'kollox dawn il-kontravenzjonijiet jammontaw għat-total ta' €463,300 u li minnhom tħallsu €349,050, kif ġej:
Sena 2022: Il-liġi kienet għadha tiġi nfurzata minn entità oħra
Sena 2023: Inħarġu b'kollox €143,450 u li minnhom tħallsu €108,300
Sena 2024: Inħarġu b'kollox €148,650 u li minnhom tħallsu €120,200
Sena 2025: Inħarġu b'kollox €120,050 u li minnhom tħallsu €93,850
Sena 2026: Inħarġu sa' issa €51,150 u li minnhom tħallsu €26,700.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU**

**1689. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 926 u 1116 u jgħid jekk sarx rapport tekniku jew stħarriġ strutturali dwar il-kundizzjoni tal-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar? Jekk iva, meta sar u x'kienu l-konklużjonijiet tiegħu?

16/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi filwaqt li s-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali dejjem tħeġġeġ ir-restawr u l-konservazzjoni tal-Patrimonju Kulturali, ġejt infurmat li ġie kkonfermat li l-binja msemmija mhijiex proprjetà tal-Gvern.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SKEJJEL TAL-ISTAT – TEXTBOOKS – FONDI**

**1698. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati fondi għall-provvista tat-textbooks fl-iskejjel tal-Istat matul l-aħħar tliet snin u jekk din l-allokazzjoni żdiditx?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-allokazzjoni għall-provvista tat-textbooks fl-iskejjel tal-Istat żdiedet fl-2024 u baqgħet tinżamm fil-livell meħtieġ fis-snin ta' wara sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-proċess ta' akkwist.
Infurmat ukoll li, matul l-aħħar snin, in-nefqa baqgħet dejjem fi ħdan il-fondi allokati għal dan l-iskop. Fir-rigward tas-sena 2026, in-nefqa finali tkun tista' tiġi stabbilita biss wara li jitlesta l-proċess kollu tal-akkwist u d-distribuzzjoni tat-textbooks kif jidher fit-tabella hawn taħt.

| Sena | Nefqa |
|---|---|
| 2024 | €1,731,762 |
| 2025 | €1,478,698 |
| 2026 | In-nefqa finali tiġi stabbilita wara li jitlesta l-proċess tal-akkwist u d-distribuzzjoni tat-textbooks. |

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SENA SKOLASTIKA 2026-2027 – TEXTBOOKS**

**1699. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew introdotti textbooks ġodda jew riveduti għas-sena skolastika 2026–2027? Jista' jgħid ukoll jekk l-għalliema ngħatawx biżżejjed żmien biex jippreparaw ruħhom fid-dawl ta' dawn il-bidliet?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-Direttorati u d-Dipartimenti rispettivi jirrevedu u jevalwaw b'mod regolari r-riżorsi edukattivi u t-textbooks użati fl-iskejjel, sabiex jiġi żgurat li jibqgħu allinjati mas-sillabi u mal-ħtiġijiet edukattivi.
Meta jitqies meħtieġ, jiġu introdotti kotba jew edizzjonijiet ġodda, isiru aġġornamenti tar-riżorsi eżistenti jew jiġu adottati skemi differenti, wara l-evalwazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet meħtieġa mal-edukaturi u mal-partijiet konċernati.
Dan huwa proċess kontinwu li jsir skont il-ħtiġijiet pedagoġiċi u l-iżviluppi fil-kurrikulu, bil-għan li l-istudenti u l-edukaturi jkollhom aċċess għal riżorsi ta' kwalità.

Infurmat li d-Dipartiment tal-Malti jevalwa b'mod regolari kotba ġodda li jiġu ppubblikati u sottomessi mill-pubblikaturi. Il-kotba li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sillabu u l-kriterji pedagoġiċi jiġu inklużi fil-lista tal-kotba approvati, minn fejn l-għalliema jagħżlu r-riżorsi li jqisu l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tal-istudenti tagħhom.
Matul dan il-proċess ġew introdotti xi kotba ġodda kemm fil-livell tal-Iskola Primarja kif ukoll tal-Iskola Medja fil-qasam tal-lingwa. Barra minn hekk, il-kotba tal-qari jiġu evalwati kontinwament kemm mid-Dipartiment tal-Malti kif ukoll mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, sabiex il-lista ta' kotba rakkomandati tibqa' aġġornata.
Fir-rigward tal-letteratura fil-livell Sekondarju, saret reviżjoni tal-ktieb preskritt u ġiet ippubblikata ristampa tiegħu.
Fil-qasam tal-Ingliż fil-Primarja, il-kotba wkoll jgħaddu minn proċess ta' evalwazzjoni biex jiġi żgurat li jkunu allinjati mas-sillabu, filwaqt li l-iskejjel jagħżlu l-iskemi li l-aħjar jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti tagħhom.
F'oqsma oħra tas-sillabu, isiru evalwazzjonijiet perjodiċi bbażati wkoll fuq il-feedback tal-edukaturi.
Pereżempju, fil-Primarja, qed tkun ippjanata evalwazzjoni tar-riżorsi tal-Istudji Soċjali li ser tibda matul din is-sena.
Fir-rigward tal-bidliet fl-iskemi ta' kotba, ma sarux tibdiliet sostanzjali, ħlief fil-każ tal-Matematika fil-Primarja, fejn numru ta' skejjel talbu li jadottaw skema differenti. F'dawn il-każijiet, il-bidla saret b'koordinazzjoni bejn l-iskejjel u t-timijiet tad-Dipartiment tal-Matematika sabiex tiġi żgurata preparazzjoni adegwata.
Fil-każ tas-suġġett tal-Engineering Technology, ġie introdott ktieb ġdid għal waħda mis-snin, żviluppat bil-kontribut dirett tal-edukaturi tas-suġġett.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SKEJJEL – TEXTBOOKS – INVOLVIMENT TAL-EDUKATURI**

**1700. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-edukaturi humiex involuti b'mod dirett fl-għażla, ir-reviżjoni u l-evalwazzjoni tat-textbooks qabel ma jiġu introdotti fil-klassijiet?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-evalwazzjoni tar-riżorsi edukattivi hija proċess kontinwu li jsir permezz ta' diversi mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u feedback. Id-Direttorat jaħdem b'mod regolari mal-edukaturi u mat-tmexxija tal-iskejjel sabiex jiġi żgurat li l-istudenti jkollhom aċċess għal riżorsi edukattivi ta' kwalità li jwieġbu għall-ħtiġijiet tagħhom.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SKEJJEL – TEXTBOOKS – KONSULTAZZJONIJIET MAL-GĦALLIEMA**

**1701. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba saru konsultazzjonijiet mal-għalliema dwar il-kwalità u l-użu tat-textbooks fil-klassi matul l-aħħar sena?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1700.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**TOBBA, NURSES U AHP - RIŻENJI**

**1702. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1150 u jgħid kemm irriżenjaw tobba, infermiera, Allied Health Professionals (AHP) f'kull grad, mis-settur pubbliku bejn Jannar u Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

16/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**POYC - ĦALIB PAEDIASURE - DATA TA' SKADENZA**

**1703. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1151 u jgħid għaliex il-ħalib PaediaSure li tqassam mill-POYC matul Lulju 2026 kellu data ta' skadenza ta' 07/2026 meta l-pazjenti normalment jingħataw provvista li tkun maħsuba biex isservihom għal xahrejn?

16/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li ninsab infurmat li s-CPSU dejjem jagħti stock li d-data ta' skadenza tiegħu tkun għadha valida.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**TRATTAMENT GĦALL-GLAUCOMA - TRASFERIMENT TA' PAZJENTI**

**1704. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'ser isir minn pazjenti residenti r-Rabat li qabel kienu jinqdew fil-Klinika tal-Mosta għall-qtar tal-glaucoma u issa ġew trasferiti għall-Klinika tar-Rabat, fejn ġew infurmati li dan it-trattament ma jistax isir minħabba li l-Klinika l-ġdida tar-Rabat għadha mhijiex topera? Jista' jgħid ukoll kemm dawn il-pazjenti mistennija jistennew għal appuntament ġdid u x'arranġamenti ser isiru sabiex ikomplu jirċievu t-trattament meħtieġ?

16/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-pazjenti li jeħtieġu kura għall-glawkoma jiġu eżaminati minn tabib, li wara valutazzjoni klinika joħroġ il-preskrizzjoni meħtieġa. Il-qtar preskritti jinħarġu permezz tal-iskema *Pharmacy of Your Choice* (POYC).
Ninsab infurmat li qatt ma ngħataw qtar għall-glawkoma fit-teatru taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta u dan lanqas fir-Rabat. L-uniċi qtar li jingħataw huma dawk meħtieġa sabiex tiġi dilatata l-pupilla, li jintużaw waqt l-eżaminazzjoni. Dawn għadhom jingħataw fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta matul l-eżami ta' rutina għall-glawkoma.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MENTAL HEALTH HELPLINE 1579 - TELEFONATI**

**1713. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irċeviet telefonati l-Mental Health Helpline 1579 mit-twaqqif tagħha sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

16/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

| Year | Total number of calls |
|---|---|
| 2022 (from 09/11/2022) | 911 |
| 2023 | 7636 |
| 2024 | 9830 |
| 2025 | 11335 |
| 2026 (till 18/07/2026) | 5058 |
| Grand total to date: | 34770 |

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MENTAL HEALTH HELPLINE 1579 - TELEFONATI**

**1714. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irċeviet telefonati l-Mental Health Helpline 1579 mill-bidu tas-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

16/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

| 2024 | |
|---|---|
| January | 744 |
| February | 767 |
| March | 780 |
| April | 769 |
| May | 753 |
| June | 738 |
| July | 913 |
| August | 876 |
| September | 796 |
| October | 1018 |
| November | 885 |
| December | 791 |
| 2025 | |
| January | 881 |
| February | 688 |
| March | 909 |
| April | 912 |
| May | 862 |
| June | 811 |
| July | 982 |
| August | 1062 |
| September | 1007 |
| October | 1340 |
| November | 1014 |
| December | 867 |
| 2026 | |
| January | 847 |
| February | 717 |
| March | 693 |
| April | 768 |
| May | 783 |
| June | 773 |
| July (till 18/07/2026 | 477 |

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MENTAL HEALTH HELPLINE 1579 - PERSUNI LI GĦAMLU UŻU MINNHA**

**1715. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il persuna għamlet użu mill-Mental Health Helpline 1579 mit-twaqqif tagħha sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u skont is-sess?

16/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

| Year | Total number of persons | Gender | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Males | Females | No info |
| 2022 (from 09/11/2022) | 664 | 298 | 337 | 29 |
| 2023 | 2955 | 1368 | 1544 | 43 |
| 2024 | 5728 | 2647 | 3029 | 52 |
| 2025 | 5326 | 2481 | 2798 | 47 |
| 2026 (till 18/07/2026) | 3063 | 1421 | 1604 | 38 |

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MENTAL HEALTH HELPLINE 1579 - PERSUNI LI GĦAMLU UŻU MINNHA**

**1716. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il persuna għamlet użu mill-Mental Health Helpline 1579 mit-twaqqif tagħha sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u skont il-gruppi ta' età kif ġej:
i. taħt it-18-il sena;
ii. 18 sa 24 sena;
iii. 25 sa 44 sena;
iv. 45 sa 64 sena; u
v. 65 sena jew aktar?

16/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

| Year | Total number of persons | Age | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Minors | 18-24 | 25-44 | 45-64 | 65+ | N/A |
| 2022 (from 09/11/2022) | 664 | 4 | 8 | 66 | 131 | 141 | 314 |
| 2023 | 2955 | 11 | 93 | 209 | 1295 | 662 | 685 |
| 2024 | 5728 | 27 | 171 | 718 | 2226 | 881 | 1705 |
| 2025 | 5326 | 25 | 164 | 652 | 2069 | 728 | 1688 |
| 2026 (till 18/07/2026) | 3063 | 21 | 113 | 387 | 1152 | 436 | 954 |

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PROJEZZJONI TAL-POPOLAZZJONI – POLITIKA EKONOMIKA**

**1761. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed jadotta bħala bażi tal-politika ekonomika tiegħu l-projezzjoni msemmija mill-Ministru għall-Finanzi li, jekk il-mudell ekonomiku attwali jibqa' l-istess, il-popolazzjoni ta' Malta tista' tilħaq it-800,000 sal-2040? Jekk le, jista' jgħid x'inhi l-projezzjoni uffiċjali tal-Gvern illum?

16/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-figuri relatati mal-popolazzjoni ta' pajjiżna huma pubbliċi u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ma jippubblikax projezzjonijiet tal-popolazzjoni ta' Malta. Il-Gvern qed jimplimenta miżuri effettivi bħala parti mil-Labour Migration Policy. Din hija msejsa fuq il-prinċipju ewlieni li ħaddiema minn pajjiżi terzi jidħlu biss f'pajjiżna fis-setturi fejn verament hemm il-ħtieġa, fosthom is-saħħa, il-kura tal-anzjani u s-settur turistiku. Minn mindu ddaħħlet il-Labour Migration Policy, pajjiżna rreġistra t-tieni l-anqas bilanċ nett ta' ħaddiema barranin mill-2017.
Mill-banda l-oħra l-Gvern ma jaqbilx mal-pożizzjonijiet uffiċjali li ħadet l-Oppożizzjoni, fosthom ir-regolarizzazzjoni ta' barranin li jinsabu f'pajjiżna llegalment u t-tnaqqis fit-taxxa għall-ħaddiema li jkunu għadhom jaslu f'pajjiżna. Dawn huma deċiżjonijiet żbaljati li jippermettu influss akbar ta' persuni barranin lejn pajjiżna.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PROJEZZJONI TAL-POPOLAZZJONI – MUDELL EKONOMIKU**

**1762. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk għadhiex valida l-projezzjoni li għamel dwar popolazzjoni ta' madwar 800,000 sal-2040 taħt il-mudell ekonomiku attwali? Jekk iva, jista' jgħid x'passi konkreti ttieħdu minn meta saret dik id-dikjarazzjoni sabiex il-mudell ekonomiku ta' Malta jsir aktar ibbażat fuq produttività u valur miżjud, milli fuq żieda fil-forza tax-xogħol?

16/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 1761.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**ŻIEDA TAL-POPOLAZZJONI – STUDJI DWAR L-IMPATT**

**1763. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux studji jew valutazzjonijiet dwar l-impatt li popolazzjoni ta' 800,000 persuna jkollha fuq l-infrastruttura, l-akkomodazzjoni, is-servizzi tas-saħħa, l-edukazzjoni, it-trasport u r-riżorsi naturali? Jekk iva, jista' jqiegħed dawn l-istudji fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1761.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**1764. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid:
i. jekk il-Gvern iqisx li t-tieni interconnector bejn Malta u Sqallija huwa biżżejjed sabiex jindirizza r-riskji li jistgħu jirriżultaw minn kriżi internazzjonali li taffettwa kemm il-provvista tal-elettriku minn Sqallija kif ukoll il-provvista tal-LNG;
ii. x'inhu l-pjan ta' kontinġenza tal-Gvern f'każ li, minħabba kriżi internazzjonali jew ġeopolitika, Malta tiffaċċja diffikultajiet kemm fl-importazzjoni tal-elettriku kif ukoll fil-provvista tal-LNG;
iii. jekk sarux studji jew stress tests dwar ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija ta' Malta f'xenarju fejn il-provvista tal-elettriku minn Sqallija u l-importazzjoni tal-LNG jiġu affettwati fl-istess ħin u jekk iva, meta saru u x'kienu l-konklużjonijiet ewlenin tagħhom; u
iv. x'miżuri addizzjonali qed jippjana l-Gvern sabiex isaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija għal Malta u jnaqqas id-dipendenza tagħha fuq sorsi ta' enerġija importati?

16/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**AIMS – KONSULENTI**

**1765. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' konsulenti li għandha l-AIMS, jgħid kemm tħallsu mill-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm minnhom għadhom attivi u jekk humiex on a retainer basis?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**SPORTMALTA – FAĊILITAJIET SPORTIVI**

**1766. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid liema faċilitajiet sportivi huma amministrati minn SportMalta u għal kull waħda minnhom jindika:

i. il-baġit annwali għall-manutenzjoni;
ii. x'kienet l-ispiża matul l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari;
iii. jekk hemmx xogħlijiet pendenti; u
iv. meta huma mistennija jitlestew ix-xogħlijiet?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li SportMalta tamministra l-Cottonera Sports Complex, il-Marsa Sports Complex, in-National Pool Complex, il-Kirkop Sports Complex, Ta' Kandja Shooting Range u l-M'Assumpta Sports Complex.
L-allokazzjoni annwali għall-manutenzjoni ta' dawn il-faċilitajiet hija ta' madwar €500,000. Din l-allokazzjoni tkopri l-manutenzjoni ordinarja u ma tinkludix nefqa relatata ma' proġetti kapitali jew investimenti infrastrutturali.
In-nefqa fuq il-manutenzjoni kienet ta' madwar €400,000 matul is-sena 2025, filwaqt li sal-lum fl-2026 tammonta għal madwar €200,000.
Il-manutenzjoni tal-faċilitajiet titwettaq b'mod kontinwu u skont il-ħtiġijiet operattivi ta' kull sit, sabiex dawn jibqgħu f'kundizzjoni tajba u jkunu jistgħu jkomplu jservu lill-utenti tagħhom. Minbarra l-manutenzjoni ta' rutina, qed jitwettqu wkoll diversi interventi ta' manutenzjoni straordinarja u titjib infrastrutturali, fosthom ix-xogħlijiet fuq is-saqaf u l-upgrade tas-sala prinċipali tal-Cottonera Sports Complex, li huma mistennija jitlestew sa Settembru. Qed jitmexxew ukoll ix-xogħlijiet relatati mal-grawnd ta' Ħal Kirkop permezz ta' sejħa għall-offerti maħruġa mill-Foundation for Tomorrow's Schools (FTS), filwaqt li l-estensjoni tal-M'Assumpta Sports Complex tinsab għaddejja.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**KUMMISSJONI MALTIJA TAL-FILMS – BILANĊ FISKALI**

**1804. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifri annwali sħaħ (mhux kumulattivi) tal-Bilanċ Fiskali tal-Kummissjoni Maltija tal-Films bejn l-2018 u l-2025, maqsuma sena b'sena, inkluż is-sena 2024 fejn ġie rreġistrat bilanċ negattiv?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**L-INDUSTRIJA TAL-FILMS – SKEMA TA' REBATES – ANALIŻI KOMPARATTIVA**

**1805. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jipprovdi analiżi komparattiva, f'termini ta' rata u kundizzjonijiet, bejn l-iskema tar-rebates fl-industrija tal-films f'Malta, u skemi simili offruti minn pajjiżi kompetituri fil-Mediterran u fl-Ewropa?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**L-INDUSTRIJA TAL-FILMS - PRODUZZJONIJIET BARRANIN IFFILMJATI F'MALTA - REBATES**

**1806. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie allokat b'kollox mill-fondi pubbliċi bħala rebates lil produzzjonijiet barranin iffilmjati f'Malta fl-aħħar ħames snin, u kemm minn dan l-ammont mar għand kumpaniji rreġistrati barra minn Malta?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MEDITERRANE FILM FESTIVALS 2025 U 2026 – RENDIKONT TAL-ISPIŻA**

**1807. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont sħiħ u dettaljat tal-ispiża tal-edizzjonijiet tal-2025 u l-2026 tal-Mediterrane Film Festival, maqsum item b'item, inkluż kull kuntratt individwali u l-valur tiegħu?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**MEDITTERANE FILM FESTIVAL 2025 – TENDER GĦALL-ORGANIZZAZZJONI**

**1808. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid id-data eżatta li fiha ġie ffirmat jew mogħti t-tender għall-organizzazzjoni tal-edizzjoni tal-2025 tal-Mediterrane Film Festival, meta mqabbla mad-data tal-avveniment innifsu?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**GOLDEN BEE AWARDS 2026 – PREŻENTATUR**

**1809. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallas il-preżentatur tal-edizzjoni tal-2026 tal-Golden Bee Awards, u permezz ta' liema proċess ġie magħżul?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – ŻONA TA' GĦAR LAPSI – ĦSARAT**

**1816. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti dettalji dwar ix-xogħol li għaddej fiż-żona ta' Għar Lapsi fis-Siġġiewi biex jiġu rranġati l-ħsarat ikkawżati mill-maltemp li kien iffaċċja pajjiżna, inkluż xi żviluppi kien hemm u t-timeline f'dan ir-rigward?

17/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – ŻONA TA' GĦAR LAPSI – ĦSARAT**

**1817. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti dettalji dwar ix-xogħol li għaddej fiż-żona ta' Għar Lapsi fis-Siġġiewi biex jitranġaw il-ħsarat ikkawżati mill-maltemp li kien iffaċċja pajjiżna, inkluż xi żviluppi kien hemm u t-timeline f'dan ir-rigward?

17/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**KOOPERATTIVI – IMPATT EKONOMIKU**

**1822. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-impatt li l-koperattivi qed iħallu fuq l-ekonomija Maltija?

17/07/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari W366.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**KOPERATTIVI – LISTA TA' KOPERATTIVI REĠISTRATI**

**1823. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bl-ismijiet tal-koperattivi kollha rreġistrati bħalissa f'Malta?

17/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-koperattivi attivi (i.e. li mhumiex fi stat ta' xoljiment jew stralċjati) kollha li huma rreġistrati f'Malta.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**ĦAL TARXIEN – ĠNIEN MARK FARRUGIA – XOGĦLIJIET**

**1824. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħol hu ppjanat li jsir fi Ġnien Mark Farrugia f'Ħal Tarxien? Tista' tipprovdi pjanti u/jew viżwali li juru kif se jiġi l-ġnien b'dan ix-xogħol?

17/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett għar-riġenerazzjoni ta' Ġnien Mark Farrugia, f'Ħal Tarxien, ġie ddisinjat b'mod li jimmassimizza l-ispazju aħdar filwaqt li jimminimizza l-użu ta' hard landscaping. L-interventi se jinkludu t-tħawwil ta' aktar siġar u pjanti, l-installazzjoni ta' bankijiet u faċilitajiet għall-pikniks, sabiex jinħoloq spazju pubbliku aktar attraenti, aċċessibbli u adattat għall-familji. Bħalma jsir fi proġetti oħrajn ta' riġenerazzjoni, x-xogħlijiet qed jitwettqu f'fażijiet biex jiġi żgurat li kull intervent jitlesta skont l-istandards stabbiliti. Qed inpoġġi pjanta tal-proġett fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 15
22/07/2026

**ĦAL TARXIEN – ĠNIEN MARK FARRUGIA – SIĠAR**

**1825. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tassigura li l-ebda siġra li bħalissa tinsab fil-Ġnien Mark Farrugia, f'Ħal Tarxien, mhi se tinqala' bħala parti mix-xogħlijiet li se jsiru minn Project Green f'dan il-ġnien?

17/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li, skont il-pjanti tal-proġett, mhux se jitneħħew siġar maturi b'saħħithom li jinsabu fi Ġnien Mark Farrugia, f'Ħal Tarxien. Madankollu, ser jitneħħew speċi invażivi li qed jikkawżaw ħsara lill-ambjent naturali u lill-bijodiversità tas-sit, bħala parti minn interventi mmirati biex jittejjeb il-valur ekoloġiku tal-ġnien. Dawn ix-xogħlijiet jaqgħu taħt il-permess EP 1344/23 maħruġ mill-ERA fid-9 ta' Lulju, 2024, li jawtorizza interventi speċifiċi fuq siġar f'diversi siti, inkluż it-tneħħija ta' siġar ta' speċi invażivi, t-tneħħija ta' siġar protetti mejtin u żbir ta' manutenzjoni ta' siġar protetti.

Seduta Numru 15
22/07/2026